**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 560/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**vs**
**Mark Magro**

**Illum 10 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Mark Magro ta' 51 sena iben Paul u Carmen xebba Monsigneur, imwieled il-Pieta' nhar it-8 ta' Ġunju 1967 u residenti ġewwa 1, Madonnina, Flat 3, Triq Guze Pesci, Marsascala, detentur tal-karta tal-identità numru 0267267M.

Akkużat talli

Fit-3 ta' Frar 2019 għal ħabta ta' tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (1530) ġewwa triq iż-Żejtun, Marsaxlokk

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Gaito Steer-Chetham f'periklu ċar ikkaħunajt ferita ta' natura gravi fuq il-

persuna ta' Gaito Steer Chtham hekk kif iċċertifikat Dr Marica Galea (Med Reg Num 4121);

2. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Roy Steer-Chetham f'periklu ċar ikkaġunajt ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Roy Steer Chtham hekk kif iċċertifikat Dr Martin Mallia (Med Reg Num 2299);

3. Talli bil-ħsieb li tikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roy Steer Chetham tajt bidu għall-eżekuzzjoni ta' delitt liema delitt ma ġiex ikkunsmat minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mill-volonta' tiegħek;

4. Soqt jew ippruvajt jew kellek taħt il-kontroll tiegħek vettura tal-għamla FIAT u bin-numru ta' reġistrazzjoni CBZ 349 oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħbba xorb u dan bi ksur tal-artikolu 15A(1), 15I(a)(i) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata l-31 ta' Ottubru 2019.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè estratt tal-att tat-twelid, fedina penali, riżultat tat-test tan-nifs, rinunzja għad-dritt tal-avukat, stqarrija tal-imputat, current incident report, ċertifkat mediku ta' Roy Steer Chetham, ċertifkat mediku ta' Gaito Steer Chetham, ċertifkat mediku (a fol 18), ritratt dok CSC1, ritratt dok MG1 sa dok MG6, żewġ ritratti dok GS1 sa GS3, dok TM1, ċertfikat mediku dok NC1;

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioè lil Caroline Steer Chetham, Roy Steer Chetham, Dr Marica Galea, Marilyn Grima, Sergi Huerga Marin, Spettur Roderick Attard, Gaito Steer, Stephen Cachia, Dr Martin Mallia, u l-imputat Mark Magro fil-preżenza tal-avukat difensur.

**Ikkunsidrat**

**Caroline Steer Chetham** qalet li Frar 2019 kienu marru jieklu ġewwa Marsaxlokk u waqt li kienu qegħdin isuqu sabiex imorrru lura lejn id-dar tagħhom fin-Naxxar, fejn kien hemm it-traffic fit-triq minn Marsaxlokk. Hija kienet passiġġiera fil-karozza waqt li r-raġel tagħha kien qiegħed isuq u t-tifel tagħha kien fuq wara. Il-vettura tal-imputat daħlet f'biċċa fejn kien hemm it-traffic u laqgħet il-mera tal-vettura tagħhom fejn huma kienu

f'serbut ta' karozzi oħra. Meta ġara hekk ir-raġel tagħha ħareġ mill-vettura sabiex jara x'ġara u fil-mument l-imputat saq għal fuqu u waqqgħu mal-art. It-tifel tagħha ħareġ minn ġewwa l-vettura u spiċċaw jiġġieldu miegħu. Meta laqgħet il-mera tal-karozza tagħhom, l-imputat kompla jissikka aktar. Wara marru l-għassa taż-Żejtun sabiex jagħmlu rapport u kellhom imorru l-Health Centre.

**Roy Steer Chetham** qal li ien flimkien mal-familja tiegħu marru jieklu ġewwa Marsaxlokk. Meta telqu minn hemm sabiex imorru d-dar tagħhom kienu maqbudin fit-traffik. Hu kien qiegħed isuq il-vettura u miegħu kien hemm il-mara tiegħu flimkien mat-tifel. Kif waslu viċin ic-central strip, ġiet karozza wrong side u laqtet il-karozza tiegħu għax din il-vettura ħamra baqgħet tissikka u dan ħa l-post tiegħu. Kif waqaf ħareġ mill-vettura tiegħu sabiex jara xi ħsara għamlet din il-vettura ħamra. Kif ħareġ u mexa lejn il-vettura l-ħamra, ix-xufier tagħha saq għal fuqu u tajru u waqa' fl-art. Minħabba f'hekk weġġa' idejh u kien dak il-ħin li ġie t-tifel tiegħu u ġabru mill-art. Dak il-ħin ħareġ ix-xufier ta' din i-vettura u spiċċaw jiġġieldu miegħu. Mar jagħmel rapport l-għassa u wara kellu jmur lejn il-Health Centre minħabba l-uġiegħ li kellu f'idejh. Bħala ġrieħi tiegħu kienu minuri iżda t-tifel kellu idejh miksura.

**Dr Marica Galea** qalet li kienet eżaminat lil Gaito Chetham u wara li kienet ordnat sabiex jieħu X-Ray sabet li kellu it-tielet metacarpal bone u displaced fracture tar-raba' metacarpal tal-id il-leminija. Hija qieset il-ġrieħi bħala gravi. Dawn il-metacarpals huma fejn qegħdin in-knuckles. Hija ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha stess.

**Marilyn Grima** qalet li fi Frar 2019 kienu Marsaxlokk sejrin lejn Wied il-Għajn u dan kien fi Frar 2019. Waqt li hija kienet fil-vettura mal-imputat weqfien fuq il-lights, ġew żewġ irġiel u bdew jagħtu lil Mark Magro waqt li kien għadu fil-vettura. Wara ftit dawn it-tnejn telqu u hi ħarġet mill-vettura tgħajjat għalfejn kienu għamlu hekk. Waqt li kienet barra u pruvat tidħol fil-vettura spiċċat waqgħet u meta l-vettura misjuqa minn wieħed mill-irġiel li ġew jagħtu lill-imputat, resqu lejhom u qalulhom li darb'oħra iħalluhom tal-post. Dak il-ħin l-imputat kien stordu u saq ftit wara fejn marru jagħmlu rapport lill-Pulizija. Waqt li kienu ġewwa l-Health centre, qalulhom biex ma jidħlux u ġew xi nies tawħ whiskey minħabba l-qatgħa li kellu. Skont hi l-imputat ma kien għamel xejn meta dawn iż-żewġt irġiel ġew jagħtuh. Hija nnegat li qabel ma seħħet din l-aggressjoni kienu laqtu xi vettura u dawn iż-żewġt irġiel tawh xeba' għal xejn b'xejn. Dak il-ħin

hija ħadet xi ritratti li ġew esebiet u mmarkati bħala dok MG12 kif ukoll tal-ġrieħi li kellu l-imputat.

**Sergi Huerga Marin** qal li huwa kien qiegħed jistenna fit-traffiku fil-vettura tiegħu u Roy kien żewġ vetturi l' quddiem minnhu. Kien hemm triq oħra li tagħti għad-direzzjoni opposta u f'daqqa waħda ġiet vettura oħra minn wara li għaddiet minn ħdejh u minn fejn iż-żewġ vetturi l-oħra li kien hemm quddiemu. Ix-xufier ta' din il-vettura deher aggressiv u kien qiegħed isuq FIAT Punto ħamra. Roy niżel mill-vettura tiegħu sabiex jara jekk kienx hemm ħsarat fuq il-vettura tiegħu, waqt li x-xuffier tal-vettura l-oħra beda jaċċellera l-gas u wara niżel u spiċċaw jagħtu hu kif ukoll Roy. Ftit qabel ma seħħet il-ġlieda, hu kien qiegħed fit-traffiku wieqaf waqt li Roy kien xi żewħ vetturi l'isfel minnu. Ġara li l-vettura misjuqa mill-imputat ġiet mill-ġenb fil-karreġata l-oħra u qabad u daħal fil-lane li kienu huma fiha dak il-ħin. Ftit wara ra lir-Roy ħiereġ mill-vettura tiegħu. Dak il-ħin sema' l-gas tal-vettura l-oħra iżda ma jistax jgħid li kien ra lil Roy jintlaqat mill-vettura l-oħra. Dak il-ħin ħareġ it-tifel ta' Roy u spiċċaw jagħtu flimkien max-xufier tal-vettura l-oħra. Dak il-ħin tal-ġlieda kien hemm l-imputat, Roy u t-tifel tiegħu barra jagħtu. In kontro-eżami qal li ma kienx ra demm f'wiċċ l-imputat iżda kien ra li kienu ingħatw xi daqqiet f'wiċċu.

**L-ispettur Rodrick Attard** qal li kien ġie l-parte civile Roy Steer Chetham jagħmel rapport ġewwa l-għassa taż-Żejtun minħabba inċident li kien inqala. Vettura misjuqa mill-imputat bdiet tissikkah. Huwa niżel mill-vettura tiegħu sabiex jara jekk kollox kien sew u l-imputat saq kemm kemm u laqtu. Dak il-ħin Roy Steer Chetham tah daqqa ta' ponn u nqalgħet kommozzjoni. Dak il-ħin li seħħ l-inċident kien hemm ukoll it-tifel tiegħu kif ukoll l-mara tiegħu. Huwa kien ġie infurmat li l-imputat kien ġie l-għassa sabiex jagħmel rapport u wiċċu kien kollu demm. L-imputat kien ġie mitkellem u meta kien ġewwa Mater Dei sarlu test tan-nifs minħabba l-livell tal-alkoħol. Meta ġie mistoqsi dwar il-grieħi li ġew magħmula fuq il-persuna ta' Roy u tat-tifel tiegħu ma kienx qal kif ġraw.

**Gaito Steer** qal li fi Frar 2019 waqt li kien fil-vettura flimkien ma' missieru u ommu ġewwa Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk (huwa esebixxa ritratt minn meħud google maps u fih poġġa fejn kienu l-vetturi kemm tagħhom u dik tal-imputat), huma kienu sejrin fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun. Fil-ġenb hemm centre strip u waqt li kienu weqfin ġiet vettura ħamra minn wara waqt li huma kienu f'serbut ta' karozzi. Ġara li l-vettura l-ħamra misjuqa mill-imputat u bdiet taqbeż il-vettura li kien hemm warajhom u kif wasal

ħdejn ic-centre strip ma setax ikompli jimxi u flok waqaf beda jross u laqat il-vettura tagħhom fin-naħa tax-xufier. Meta missieru niżel sabiex jara jekk kienx hemm ħsara il-vettura tal-imputat kienet warajhom. Kif missieru resaq lejn l-imputat, saq għal fuqu u laqtu bil-mudguard. Kif ra hekk ħareġ minn ġewwa l-vettura u l-imputat ħareġ minn ġewwa fiha. Dak il-ħin il-vettura ġiet maġenbhom. Dak il-ħin kien hemm kommossjoni fejn l-imputat kien bil-wieqfa u misseru kien fl-art u l-imputat ixejjer idejh u qam jiddefendi lilhu nnifsu. Dak il-ħin huwa mar biex ifferraq u ħarġet mara mill-vettura tal-imputat u bdiet tgħajjat. Tant kien mifxul l-imputat li saq u kaxkar miegħu l-mara li ħarġet mill-istess vettura fejn ftit wara bdiet tieħu r-ritratti. Għalkemm huwa mar biex iferraq, spiċċa qala' daqqa mingħand din il-persuna u waqa' mal-art. Meta kien fil-vettura beda jħoss xi ħaġa ma idejh. Kien hemm mument wieħed biss meta l-vettura tal-imputat ġiet quddiemhom. Huwa spjega li l-vettura misjuqa mill-imputat kien hemm mument li kien ġie quddiemhom, gia mal-lights li jinżlu lejn iż-Żejtun. Il-vettura tagħhom baqgħet f'post fejn l-imputat qabiżhom u ġie mal-lights u niżel l'isfel. Minħabba li saq wrong way, daħal ġewwa fihom u saq u kaxkar il-mara li kienet miegħu dak il-ħin. Fil-fratemp ġiet persuna barranija u staqsa lil missieru jekk kellux bżonn xi ħaġa u qallu li kien ra kollox. Ġew esebieti ritratti li huma ħadu fejn juru fejn kienet il-vettura tal-imputat li ġibdet lejn in-naħa taż-Żejtun waqt li huma ġibdu lejn in-naħa ta' Birżebbuġa. Għalkemm huma riedu jmorru lejn in-naħa taż-Żejtun ġibdu lejn Birżebbuġa sabiex jevitaw milli jkunu wara l-imputat. Wara dawru gewwa pompa tal-petrol mitluqa u marru jagħmlu rapport l-għassa. Minħabba dak li kien ġara kellhom jagħmlulu l-ġibs ma' idejh fejn dam kważi erba' xhur.

**Stephen Cachia** għamel riċerki fuq żewġ vettura fejn irriżulta li waħda minnhom tal-għamla Peugot 308 ta' kulur isfar MIA 308 hija reġistrata fuq Carla k/a Caroline Citham. Waqt li vettura oħra CBZ 349 tal-għamla FIAT Punto ta' lewn aħmar hija reġistrata fuq Mark Magro.

**Dr Martin Mallia** ikkonferma ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu li jinsab a fol 16 u 17 tal-proċess. L-unika ġrieħi li kellu fuq il-persuna ta' Steer Gretham fejn kien kietb li kellu *tenderness and swelling over the right third and fourth metacarpal, fuq l-*għadam tal-id u mhux tas-swaba. Dawn kienu l-unika ġrieħi li kellu.

**Marilyn Micallef** reġgħet xehdet in kontro-eżami ikkonfermat li hija ħadet ritratt dok MM1 fejn kien ittieħed waqt li kienu weqfien fil-lights u kienu

niżlu tnejn jagħtu lil Mark Magro. Ir-ritratt li ħadet tal-vettura kienet warajhom. Ritratt ieħor li hija esebiet a fol 53 ma kienx meħud dakinhar iżda l-għada għaliex marru hemm sabiex jaraw jekk kienx hemm xi CCTV. Hija qalet li kienu ġejjin minn Marsaxlokk u sejrin lejn Wied il-Għajn u meta ġew viċin it-traffic lights huma kellhom iduru fuq in-naħa tar-*right*. Hija konfermat li l-vettura s-safra u cioe' MIA 308 qatt ma kienet qabilhom.

**L-ispettur Roderick Attard** fejn ikkonferma li l-imputat kien sofra diversi ġrieħi gravi. Iċ-ċertifikat oriġinali ġie esebiet fi proċeduri oħra fejn ġie preżentat kopja tiegħu (a fol 121 tal-proċess).

**Mark Magro** xehed fejn qal li mar ġewwa Marsaxlokk flimkien mal-partner tiegħu Marylyn Micallef. Huwa qal li waqt li kien fi Triq iż-Żejtun ħerġien lejn Triq tal-Barrani ra vettura ġejja minn warajh tipprova taqbżu u hu ma ċediex. Waqaf fil-lights eżatt fejn tispiċċa t-triq. Ħin minnhom ġew żewġ persuni mat-tieqa tal-vettura tiegħu li hu ma rahomx ġejjin lejh fejn infexxew jagħtuh bil-ponn. Huwa qal li f'ebda ħin ma kien ħareġ mill-vettura tiegħu u ma kienx jaf minn kienu qabel dan il-każ. Wara dak li kien ġralu mar ġewwa l-polyclinic ta' Raħal Ġdid u hemm induna li kien hemm ukoll l-agressuri. Minħabba f'hekk kienu qalulu sabiex joħroġ jistenna barra u kienet ġejja l-ambulanza għalih. Waqt li kien qiegħed barra jistenna ġiet persuna tafu ħdejn il-każin De Paule u offrielu drink. Żied jgħid li waqt il-ħin ta' nofs-in-nhar kien xorob flixkun inbid flimkien mal-partner tiegħu. Meta mar ġewwa l-isptar irriżulta li kellu ksur f'imnieħru u żewġ Black eyes u wkoll daqqiet f'widnejh. Huwa ikkonferma r-ritratti li ġew meħuda waqt li kien ġewwa l-polyclinic li jinsabu a fol 52 u 53.

In kontro-eżami qal li huwa qatt ma kien saq il-vettura fi stat ta' sokor fejn ikkonferma li huwa qatt ma kien qabeż il-vettura tal-parte civile. Huwa ma setax jagħti spjegazzjoni għala kienu gew jagħtuh. Ma kienx minnu li ġew fuqu sabiex jaraw jekk kienx ġralu xi ħaġa minħabba l-mod kif kien qiegħed isuq. Ma kienx minnu li fil-fatt huwa saq għal fuq il-parte civile u li kien kisser il-mera tal-vettura. Huwa qal li l-breathlyser test sarlu fil-għaxija waqt li kien ġewwa l-isptar. Kompla jgħid li l-vettura tal-parte civile qatt ma kienet quddiemu iżda dejjem warajh. Meta ġie konfrontati bix-xhieda ta' xhud okulari li konferma li l-imputat kien ġie minn wara u anki kien għadda minn ħdejh u skont hu kulħadd ta verżjoni differenti iżda huwa qatt ma kien warajhom. Skont hu dak li qal dan ix-xhud ma kienx minnu. Meta ġie konfrontati b'dak li qal fl-istess stqarrija tiegħu li kien

xorob wara l-inċident iżda fix-xhieda tiegħu qal li kien xorob qabel u anki wara, huwa spjega li kienu t-tifla tiegħu u l-għarus tagħha li ma xtaqx idaħħalhom fl-istorja. Il-fatt li ma kienx semma li kien xorob dakinhar qabel l-inċident għax kien nesa. Illi kienu l-parte civile li pruvaw jidħlu u hu ma kienx ċeda sabiex jgħaddu. Il-ġlieda ma kenitx seħħet barra l-vettura iżda qabdu jagħtuh meta kien fl-istess vettura. Huwa nnega li kien saq għal fuqu jew inkella li kien ħareġ mill-vettura sabiex jaqbad jagħtih.

**Dr Ryan Giordmaina** ikkonferma li Gaito Chatham kellu ksur fil-base u fil-head tal-fourth metacarpal bone li qegħdin fil-pala tal-id li huma magħrufa bħala metacarpal fractures. Din it-tip ta' injury tista' tiġi minħabba ħafna affarijiet kemm oġġett blunt kif ukoll direct injury fuq l-id. Dan it-tip ta' ksur jist' jieħu madwar sitt ġimgħat sa tlett xhur biex ifieq. Huwa kkonferma wkoll li din id-daqqa tista' tkun ma waqa' kif ukoll ma ħafna metodi.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata l-erba' (4) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

(i) Fl-artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-artikoli 221tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Fl-artikoli 41, 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iv) Fl-artikoli 15A(1), 15B, 15H u 15I tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

(v) Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tad-29 ta' Jannar 2021 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qiegħed jigi akkużat b'diversi imputazzjonijiet fosthom li kkaġuna ġrieħi gravi u ħfief u saq tal-effett tax-xorb. Illi f'dan il-każ hemm verżjoni differenti minn dak li nqala dakinhar fit-3 ta' Frar 2019. Illi mill-fatti li ħarġu dan l-każ seħħ fi Triq Iż-Żejtun inqala' inċident fejn spiċċat li

nqalgħet ġlieda. Illi skont il-verżjoni li tal-imputat kien hu l-vittma għax qala' diversi daqqiet waqt li skont il-parte civile kienu huma l-vittmi taċ-ċirkostanzi fejn spiċċaw b'feriti gravi u ħfief.

Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kienu l-imputati jew le tagħmel referenza għas-Sentenza mogħtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Diċembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti iċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi f'dan il-każ kien hemm verżjoni differenti mgħotija mill-persuni li kienu involuti fil-każ. Minn naħa tal-parte civile jgħidu li huma kienu fit-triq ġewwa l-vettura tagħhom jistennew sabiex jmorru għad-destinazzjoni tagħhom. Illi fil-mument ġie l-imputat minn wara u prova jidħol u issikka l-vettura tiegħu u qabizhom. Gara li meta mar biex jara x'ġara, l-imputat saq għal fuqu u kaġun ta' hekk waqa'. Minħabba li ħareġ mill-vettura spiċċaw jagħtu u daħal it-tifel tal-parte civile ukoll. Il-parte civile spiċċaw weġgħu waqt li l-imputat ukoll kellu ġrieħi gravi minħabba d-daqqiet li qala' u dan minħabba l-fatt li skont il-verżjoni tal-fatti li ta l-istess imputat kien li kienu huma li ġew għal fuqhu u għal b'xejn xejn spiċċa aggrediet u weġġgħa serjament.

## Provi

Illi kif ingħad f'dan il-każ hemm żewġ verżjonijiet mgħotija ta' kif seħħew l-affarijiet. L-imputat li għazel li jixhed f'dan il-każ qal li huwa spiċċa aggrediet minn żewġ persuni li qatt ma kien rahom qabel u qatt ma kien hemm xi inċidenti bejnietjhom. Illi skont il-verżjoni li huwa ta l-imputat kien l-istess *parte civile* li prova jaqbżu waqt li huwa kien wasal fit-triq iż-Żejtun biex idur lejn tal-Barrani. Fil-fatt ma kienx ċedilu sabiex jkun jista' jgħaddi. Waqt li kien qiegħed jistenna sabiex jgħaddi, ġew żewġ irġiel minn wara u qabdu jagħtuh waqt li huwa kien qiegħed bil-qiegħda fil-vettura tiegħu. Kompla jgħid li huwa qatt ma ħareġ mill-karozza tiegħu u kienet biss il-*partner* tiegħu li ħarġet tgħajjat barra mill-karozza minħabba li beda jaqla' ħafna daqqiet. Il-konsegwenzi tad-daqqiet li qala' spiċċa b'feriti gravi.

Min-naħa l-oħra, il-*parte civile* xehdu u qalu li l-affarijiet ġraw totalment differenti. Roy Steer Chetham spjega li waqt li huwa kien qiegħed jistenna sabiex ikompli triqtu lejn in-Naxxar meta kien fit-triq iż-Żejtun, ra vettura ġejja fit-triq opposta minn wara. Bdiet tgħafas għal fuqu u kaġun ta' hekk kisret il-mera tal-vettura tiegħu. Dan spiċċa daħal quddiemu u ħadlu postu bil-manuvra li għamel. Meta ħareġ mill-vettura tiegħu sabiex jara x'kien ġara, l-imputat saq għal u spiċċa mtajjar u waqa' mal-art. Ix-xufier tal-vettura misjuqa mill-imputat ħareġ minn ġewwa l-vettura tiegħu u spiċċaw jagħtu. Kien dak il-mument li ġie t-tifel tiegħu ukoll. Il-mara ta' Roy Steer Chetham ukoll xehedet fejn qalet li l-imputat kisser il-mera tal-vettura tagħhom waqt li r-raġel tagħha kompla jsuq u kif ġie eżatt miegħu u l-karozzi komplew jimxu (a fol 26) hu saq iktar 'il quddiem fejn hija qalet li kien ir-raġel tagħha. Kompliet tgħid li meta l-imputat ra r-raġel tagħha sejjer lejn il-vettura tal-imputat dan saq għal fuqu u waqqgħu mal-art fejn spiċċa weġġgħa idu. It-tifel tagħha mar ħdejn missieru biex jgħinu jitla' minn ma' l-art. X'ħin ħareġ l-imputat minn ġewwa l-vettura u spiċċaw jagħtu. Xhud ieħor li li f'dan il-każ kienet persuna barranija u cioe' Sergi Marin fejn qal li meta kien żewġ karozzi wara l-*parte civile* ra vettura oħra ġejja minn wara fejn pruvat tidħol. Ġara li ra lill-*parte civile* jinżel mill-vettura tiegħu u ftit wara ħareġ ukoll l-imputat u spiċċaw jagħtu. Xi ħin ra ukoll il-*parte civile* l-oħra jiddefendi lilu nnifsu wkoll. Huwa kompla jgħid li l-vettura tal-imputat ġiet min-naħa ta' triq oħra li tinstaq fid-direzzjoni opposta. Minħabba li kien hemm diversi vetturi, l-imputat beda jsuq biex jidħol fejn kien hemm il-vetturi l-oħra. Huwa ra lil *parte civile* Roy Chetham joħroġ mill-vettura biex jara x'kien ġara. Kien dak il-ħin li ħareġ l-imputat u spiċċaw jargumentaw u wara jiġġieldu. Huwa ra l-*parte civile* kollha jagħtu flimkien mal-imputat li kien barra mill-vettura.

Min-naħa l-oħra Marilyn Grima tat verżjoni differenti fejn hija spjegat li kienet fil-vettura mal-imputat u waqt li kienu weqfien ġew żewġt irġiel u spiċċaw jinfexxu fuq l-imputat. Hija qalet li f'ebda ħin l-imputat ma kien ħareġ mill-vettura tiegħu. Kaġun ta' din l-aggressjoni l-imputat spiċċa b'feriti gravi fuq wiċċu.

Illi ma' dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti sejra tagħmel referenza ghal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deċiża fid-dsatax ta' Mejju, 1997*)** ġie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lil imputat huma veri u dan għaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tiegħu ***Diritto Penale Vol III Kap IV paġna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi hawn si tratta ta' xhieda konfliġġenti għall-aħħhar b'dak li qalu ż-żewġ partijiet. Illi pero' din il-Qorti tista' tasal għaċ-ċirkostanzi tal-każ minn fatti oħrajn li seħħew. Il-*parte civile* Roy Chetham isemmi li l-imputat meta għadda minn ħdejhom minħabba li ġie minn wara kisser il-mera tal-vettura tagħhom (a fol 34). Illi pero' ma nġiebet ebda prova ta' dan il-fatt li l-imputat kien kisser din il-mera. Illi fuq kollox il-kaġun tal-fatt li l-*parte civile* ħareġ mill-vettura tiegħu kien sabiex huwa jara din il-mera u jersaq lejn l-imputat minħabba dak li kien ġara. Illi din il-Qorti rat ukoll ritratt li ġie esebiet minn Marilyn Grima li juri l-vettura tal-*parte civile.* Illi fil-fatt dan ir-ritratt (a fol 52) juri li ma hemm ebda indikazzjoni li l-mera tal-vettura ġiet miksura. Il-Qorti tħoss li jekk il-manuvra li għamel l-istess imputat li wassal għal din il-ġlieda, xi ħaġa bħal din bħala prova kienet titressaq sabiex issaħħaħ l-argument u x-xhieda għal dak li seta' nqala. Illi pero' dan il-fatt ma tressaqx sabiex jiġi stabbiliet dan il-ksur ta' din il-mera tal-vettura. Illi anki mill-istess xhieda ta' Gaito Steer ħareġ li l-imputat laqgħet il-vettura (a fol 79) iżda ma semma xejn dwar il-mera u l-vettura tal-imputat kienet fuq wara.

Illi wkoll jingħad li l-feriti li kellhomn il-*parte civile,* din il-Qorti wkoll għandha dubji serji kif ġew ikkaġunati. Illi l-*parte civile* l-oħra u cioe' Gaito Steer Chetham ma tax spjegazzjoni kif sofra l-ġrieħi tiegħu u lanqas l-istess missieru. Huwa car u evidenti li huma sofrew ġrieħi f'idejhom iżda l-fatti juru b'mod car li l-imputat sofra ġrieħi gravi kaġun ta' diversi daqqiet. Li huwa konsistenti huwa li minn dawk kollha li xehedu li nqala argument. Illi meta telgħu jixhdu l-istess tobba li eżaminaw lill-*parte civile* ma setgħux jeskludu li fil-każ ta' Gaito Steer li l-ksur kenitx xi daqqa diretta jew inkella mod ieħor. Illi l-ksur li sofra huwa ta spjegazzjoni kif seħħew għax skont hu fix-xhieda tiegħu (a fol 82) daħal biex iferraq lil missieru u lill-imputat. Din ukoll hija differenti minn dak li qal Sergi Marin li rahom it-tlieta li huma jagħtu. Fil-każ tal-missier Roy Steer Chetham, it-tabib Dr Mallia qal li l-ferita li kellu kienet meta wieħed jagħmel ponn. Il-Qorti għandha dubji serji f'dan il-każ dwar dak li qalu l-istess *parte civile* ta' kif seħħew il-fatti tal-każ minn dak li issemma hawn fuq. Illi madankollu, l-imputat seta' b'xi mod għamel xi manuvra azzardata, fejn l-istess *parte civile* ħass li jmur u jersaq lejn l-imputat. Illi huwa fatt li kienu l-istess *parte civile* li marru għall-imputat. Illi jidher b'mod ċar li l-feriti li kellu l-imputat kienu kollha konċentrati lejn il-wiċċ u minn wara tar-ras ukoll. Illi fil-fehma tal-Qorti huwa kien f'pożizzjoni għadu ġewwa l-vettura meta spiċċa aggrediet tant li anki l-istess Segi Marin qal li l-*parte civile* kienu viċin il-vettura tal-imputat u kellu l-bieba li ġiet miftuħa (a fol 62). Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax li l-imputat għandu jiġi misjub ħati li kkaġuna feriti fuq il-persuni tal-*parte civile* meta huwa ġie aggrediet minnhom.

**Sewqan taħt l-effett tax-xorb**

Illi rigward l-imputazzjoni li l-imputat kien qiegħed isuq taħt l-effett ta' xorb, din il-qorti rat li t-test li kien sarlu fuq l-imputat ma kienx ittieħed fuq il-post fejn seħħ l-inċident. Illi dan it-test sar meta l-istess Pulizija marru ġewwa l-isptar fejn kien qiegħed jiġi ikkurat. Illi mill-istess test tan-nifs li għamlu l-pulizija fuq l-imputat irriżulta li kien ta' 081.3 ug/100ml.

Illi r-reat imsemmi mill-Artikolu 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li :

> *Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jewf'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*

Ix-xenarju maħluq mill-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Ordinanza) inbidel xi ftit bis-saħħa tal-Avviż Legali 392 tal-2010, kif emendat bl-Avviż Legali 422 tal-2015 u 28 tal-2018. Din il-Liġi Sussidjarja 65.16 tirregola kif it-test tan-nifs għandu jsir. Qabel xejn it-test tan-nifs imsemmi fl-Ordinanza għandu jsir permezz tal-istrument muri fl-Ewwel Skeda għal dawn ir-regolamenti, li huwa *l-Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser*, mudell *Jupiter* jew kwalunkwe mudell ieħor li għandu l-istess funzjoni. Issa meta l-Pulizija jużgħu dan l-*Alcovisor* biex iwettqu t-test tan-nifs, ir-**riżultati miksuba** bl-użu ta' dan l-apparat għandhom jiġu trattati bħala dawk ir-riżultati analitiċi msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-Ordinanza. Jiġifieri r-riżultati tat-test magħmul bl-*Alcovisor* jkunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza – kif fil-fatt ġara f'dan il-każ. Ir-riżultat ta' dan it-test jistgħu iwasslu sabiex il-persuna tista' tiġi misjuba ħatja. Illi dan ir-riżultat joħloq preżunzjoni *iuris tantum* li huwa tajjeb u jkun biss l-imputat li jipprova l-kuntrarju. Illi f'dan il-każ l-imputat għażel li joqgħod għat-test tan-nifs. L-Ordinanza teżiġi li meta l-Pulizija jiġi biex jitlob lis-sewwieq biex joqgħod għal test tan-nifs, l-Pulizija jrid ikollu almenu **suspett raġjonevoli** li l-

*(a) persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkohol f'ġisimha jew li tkun għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja; jew*

*(b) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li kellha alkohol f'ġisimha u li dik il-persuna kien għad għandha l-alkohol f'ġisimha; jew*

*(ċ) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew*

*(d) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta dik il-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet involuta f'aċċident, huwa jista' jeħtieġ li dik il-persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.*

Jiġifieri minn dak li ntqal hawn fuq il-Pulizija jkun jista' jeħtieġ lil xi sewwieq ta' vettura bil-mutur biex jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs bl-*Alcovisor* huwa jrid almenu jkollu suspett raġjonevoli kif imsemmi hawn fuq. Illi f'dan il-każ, il-Pulizija ħassew li jagħmlu t-test minħabba dak li qalulhom l-istess *parte civile* li l-imputat kellu riħa qawwija ta' xorb u dan anki a bażi għal dak li hemm fl-artikolu 15C tal-Ordinanza. Illi ladarba jkun hemm is-suspett raġjonevoli li l-imputat seta' kellu saq il-vettura tiegħu u kien taħt l-effett tax-xorb jidħlu ukoll id-drittijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 534A et seq tal-Kodiċi Kriminali. Illi meta l-Pulizija tesiġi li jittieħed kampjun tan-nifs, il-persuna, ġaladarba li din l-istedina tkun bażata fuq is-suspett raġjonevoli, li s-sewwieq ikun suspettat li wettaq reat kriminali (in specie taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza), għandu jingħata d-drittijiet tiegħu bħal kull persuna suspettata oħra li tkun wetqet reati serji. Illi għalhekk it-test li sarlu ġewwa l-isptar u għalkemm intqal hawn fuq li hija prova ammissibli għal dak li huwa riżultat, dan ma jfissirx li m'għandux jittieħdu wkoll l-enfasi tad-drittijiet oħrajn naxxenti mill-Kodiċi Kriminali. Illi f'dan il-każ ma jirriżulta minn imkien li l-imputat ingħata xi drittijiet qabel ma sarlu t-test tan-nifs. Ebda uffiċċjal tal-Pulizija ma tela' jixhed sabiex jikkonferma li l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu li hija l-anqas ħaġa li seta' jsir.

### *Ikkunsidrat*

Skont il-Liġi, sabiex Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jeżiġi li s-sewwieq joqgħod għat-test tan-nifs, dan l-Uffiċjal ikun irid qiegħed jaġixxi in segwitu għal suspett raġjonevoli - li jkun tnissillu qabel – li s-sewwieq ikun qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb jew l-alkoħol. Meta dan is-suspett raġonevoli jitnissel minħabba l-imġieba tas-sewwieq u s-sewqan tiegħu, l-aġent tal-Pulizija jista' jeżiġi lis-sewwieq sabiex joqgħod għat-test tan-nifs – mingħajr il-ħtieġa li huwa, f'dak u sa dak l-istadju, jarresta lis-sewwieq fis-sens ta' din l-Ordinanza. Illi l-Qorti sejra tagħmel referenza għal-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali *Il-Pulizija vs Alexia Borg* deċiża fis-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal hekk:

> *Meta l-Aġent tal-Pulizija jitnissillu s-suspett li s-sewwieq ikun ikkommetta reat kriminali, mill-banda l-oħra s-sewwieq imbagħad jitnissillu d-dritt li huwa jiġi mgħarraf li jkun jinsab taħt suspett li huwa jkun qiegħed isuq taħt l-influwenza ta' xorb jew drogi. Għalhekk il-mument li l-Uffiċjal tal-Pulizija jwaqqaf lis-sewwieq u jiġih is-suspett raġjonevoli li s-sewwieq jista' jkun li kkommetta r-reati taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza, l-*

> *aġent tal-Pulizija jista' jeżiġi lis-sewwieq li dan joqgħod għat-test tan-nifs. Din l-ordni tal-aġent tal-Pulizija hija ordni leġittima fiha nnifiha; iżda hija wkoll stqarrija inekwivokabbli li l-aġent tal-Pulizija jkun ifforma dak is-suspett raġjonevoli fis-sewwieq.*
>
> *Fil-każ li din il-manifestazzjoni ta' suspett raġjonevoli fis-sewwieq tkun li huwa kkommetta reat ta' natura serja, allura din iġġib magħha wkoll il-konsegwenza li minn dak il-mument il-quddiem, is-sewwieq ikun akkwista l-istatus legali ta' suspettat fil-kommissjoni ta' reat serju u b'hekk għandu jgawdi mhux biss id-dritt li jiġi mwissi bit-tifsira tat-test tan-nifs u l-konsegwenzi tar-riżultat ta' dan it-test u d-drittijiet naxxenti mill-Ordinanza u r-Regolamenti, iżda wkoll il-konsegwenzi tar-rifjut li huwa jagħmel dan it-test, kif ukoll li s-sewwieq għandu jgawdi mid-drittijiet ta' persuna suspettata skont l-artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali.*
>
> *[…]*
>
> *Din il-Qorti diversament preseduta, fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017 iddeċidiet li*
>
> *Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.*

Illi għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija ladarba l-istess imputat lanqas ingħata d-drittijiet tiegħu hekk kif stipulati taħt l-artikolu 534A et seq tal-Kodiċi Kriminali.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41, 214, 215, 216, 218, 221 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15A(1), 15B, 15H u 15I tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku,**

**Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat Mark Magro ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull ħtija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**